31979R0546

L 72/18 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 23.3.1979

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 546/79
tat-22 ta' Marzu 1979
li jagħmel l-importazzjoni ta' għażel tad-dar irrakkmat minn Singapor u l-Malasja suġġetta għall-produzzjoni ta' ċertifikat ta' l-oriġini

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3059/78 tal-21 ta' Diċembru 1978 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' ċertu prodotti minsuġa li joriġinaw minn pajjiżi terzi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 3(4) ta' l-Anness III tiegħu,

Billi l-oriġini tal-prodotti fi Gruppi I u II msejħa fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 3059/78 hu stabbilit bi produzzjoni ta' ċertifikat ta' l-oriġini; billi għall-prodotti fi Gruppi III sa' VI dan jista' jiġi stabbilit b'dikkjarazzjoni ta' l-oriġini fuq il-kont jew xi dokument kummerċjali ieħor relatat mal-prodotti;

Billi nstab li saru xi irregularitajiet fl-importazzjoni ta' għażel tad-dar irrakkmat (CCT subtitolu 62.02 B, kategorija 39) minn Singapor u l-Malasja;

Billi l-Kumitat dwar l-Oriġini eżamina, bi qbil mal-proċedura stabbilita fir-Regolament imsemmi iżjed 'il fuq, fejn hu mixtieq il-bżonn tal-produzzjoni ta' ċertifikat għall-prodotti u l-pajjiżi konċernati li jipprovdu;

Billi il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Oriġini,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Importazzjonijiet fil-Komunità ta' għażel tal-mejda minsuġ u irrakkmat, għażel tal-loki u kċina barra minn drapp tal-qoton, li jaqgħu taħt is-subtitolu eż 62.02 B tat-Tariffa Komuni tad-Dwana (NIMEXE kodiċi 62.02-41, 43, 47, 65, 73, 77), minn Singapor u l-Malasja, għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat ta' l-oriġini li jikkonforma mal-kampjun mogħti fl-Anness VI tar-Regolament (KEE) Nru 3059/78.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-45 jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Marzu 1979.

Għall-Kummissjoni

Étienne DAVIGNON

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 365, tas-27.12.1978, p. 1.